MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-12 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 61/2010

**Pierre Spiteri**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-Uffiċjal Inkarigat mill-Passaporti**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2010 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

Illi dan ir-rikors huwa intiż sabiex din l-Onorabbli Qorti, prevja l-provi li jinġabu, tikkunsidra li hemm diskrepanza bejn isem ir-rikorrent kif reġistrat, magħruf u użat f'dokumentazzjoni preponderanti u l-identita' magħrufa tiegħu tul iż-żmien meta mqabbla ma' l-Att tat-Twelid kif jirriżulta reġistrat fir-Reġistru Pubbliku; u biex għalhekk skond il-liġi u l-ekwita', jogħġobha tordna l-korrezzjoni

neċessarja fl-Att tat-Twelid pubbliku billi fejn hemm imniżżel l-isem 'Pierino' jidħol minfloku l-isem veru 'Pierre' (ara Dok. C): ħaġa li qatt ma kien jaf biha iżda li riċentement ikkaġunatlu, u se toħloqlu fil-futur qarib, problemi serji speċjalment – iżda mhux biss – fil-kamp tax-xogħol; u li jekk ma titranġax se tkun ta' piż insopportabbli.

Illi fil-karta ta' l-identita' tiegħu fuq indikata bin-numru 0063262M l-esponent huwa u dejjem kien Pierre Spiteri (Dok. A); u hekk kien meqjus anke mal-ħrug ta' l-ewwel karta ta' l-identita' (Dok. A1). Fil-fidi tal-magħmudija, l-ewwel isem tiegħu hu 'Pierre' (Dok. B). Minn mindu kien tifel żgħir huwa kien jissejjaħ Pierre, kemm id-dar kemm l-iskola (ara pitazzi Dok. D1 u D2). U meta kiber u sar adoloxxenti u mbagħad laħaq il-*maggior* eta', huwa baqa' dejjem jissejjaħ u jġib l-isem Pierre, kullimkien, f'Malta u fl-esteru.

Kemm tassew huwa jismu 'Pierre', u mhux 'Pierino', għandu jirriżulta b'mod mill-aktar assolut mid-dokumenti esebiti, li jġibu l-ittri mill-Dok. A sa Dok. Z u anke ZZ. F'ċerti każi fejn hemm dokumenti tal-istess ġeneru, bħal per eżempju passaporti diversi, inżammet l-istess ittra fuq id-dokumenti relatati, biż-żieda tan-numri 1, 3, 3 *et cetera. Di piu'* se jinġabu provi b'xhieda li r-rikorrent dejjem u kullimkien hu magħruf bl-isem Pierre, u ebda isem ieħor.

Illi pero' meta f'dawn l-aħħar xhur, kellu bżonn jitlob ħruġ ta' passaport ġdid għax dak li kellu f'idejh, għalkemm kien għadu korrenti u għandu fih visa tal-Istati Uniti (Dok. P), ma kienx se jkollu biżżejjed paġni vojta u konsekuttivi biex fihom titqiegħed Visa tax-xogħol li kien qed jistenna mill-Brażil permezz tal-ambaxxata Brażiljana fl-Arġentina (ara Dok. M1 – l-ewwel rig tal-*email*), sab li nħariġlu passaport biometriku. U billi tali tip ta' passaport issa jeħtieġu jaqblu perfettament mal-Att tat-Twelid kif reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, ismu niżel f'dan il-passaport bħala Pierino (ara Dok. O).

Illi din il-ħaġa kienet, għadha u se tkun 'il quddiem ukoll ta' inkwiet kbir għax l-isem tiegħu mhux Pierino iżda Pierre; u

hu ovvju l-Visa uxxenti mill-Arġentina mhix se tkun taqbel mal-isem tar-rikorrent fil-passaport il-ġdid li fih trid teħel l-istess visa. Dan għaliex kulħadd dejjem mexa fuq il-passaporti li kellu qabel, maħruġin uffiċjalment u regolarment li fihom dejjem ġie ndikat Pierre (ara Dok. Q, R, S, T: u l-Visas kollha li jidhru hemm). Minħabba x-xogħol tiegħu ta' *supplies officer* ma' kumpaniji taż-żejt l-iktar fuq *oil rigs*, l-esponent jiddependi sikwit minn *visas* tax-xogħol minn diversi pajjiżi, uħud minnhom 'il bogħod fejm minn Malta b'lingwi stranjieri u li mhux faċilment tfehmhom x'ġara. Mhux biss, iżda billi l-esponent issa dalwaqt sejjer għal xogħol ta' ħafna xhur fil-Brażil *(oil rigs)* hemm dubju wkoll jekk iħallux 'jidħol u joħroġ' mill-pajjiż b'ċerta' liberta', meta l-*visa* se jkollha – konnotati li ma jaqblux mal-isem fuq il-passaport biometriku (Dok. O) fuq imsemmi, dak biometriku li bilfors ikollu jaqbel ma' ċertifikat tat-twelid li ma jirriflettix il-verita' (Dok. C).

Illi l-esponent hu bniedem li jsiefer kontinwament għax jaħdem ma' kumpanija li tibagħtu jaħdem f'pajjiżi differenti. Għalhekk huwa vitali li l-Att tat-Twelid u l-Passaport ikun jaqblu ma' dak li dejjem kien l-isem reali tiegħu kif jinsab reġistrat fi kwantita' kbira ta' postijiet Malta u fl-esteru. Iżda għandu jirriżulta lil dina l-Qorti x'kwantita' kbira ta' dokumenti uffiċjali kemm Maltin kemm ta' diversi pajjiżi, iġibu l-isem tal-esponenti hekk kif verament hu, Pierre.

Illi dan l-iżvilupp ġdid, għalhekk, li hu jinsab imniżżel bħala Pierino fl-Att tat-Twelid, u li minħabba f'hekk inħariġlu passaport li ma jirriflettix il-veru ismu, hija ħaġa ferm ħażina, żbaljata, u ta' dannu kbir għalih u li tista' toħloqlu konflitti u problemi mal-*employers* tiegħu, ma' uffiċjali fil-fruntieri ta' pajjiżi li jżur (l-iktar fuq xogħol), u mal-entitajiet kollha fejn hu rreġistrat b'isem Pierre, inklużi fost dawn hemm karti ta' identita' tiegħu u permessi ta' xogħol u *visas* maħruġin minn ambaxxati relatati ma' diversi pajjiżi, u li issa ma jistgħux jinbidlu; barra minn hekk hu reġistrat unikament bħala Pierre ma' diversi entitajiet u awtoritajiet, kemm lokali u kemm esteri, u hemm kwistjonijiet u komplikazzjonijiet kbar li ser jinqalgħu bla dubju ta' xejn biex jinħarġulu *visas*, ċertifikati ta' kondotta, kuntratti ta' xogħol, *et cetera.* Jista' jkun kompromess ukoll mal-

*employers* tiegħu, ma' assigurazzjonijiet, banek, etc. Il-lista hi fil-fatt itwal mis-sebgħa u għoxrin dokument esebit mill-esponent.

Illi għalhekk, la darba sa minn żgħir, fil-familja, fl-iskola, mal-ħbieb u konoxxenzi tul ħafna snin, mal-istituzzjonijiet ta' tagħlim, l-awtoritajiet tas-saħħa, dawk tat-traffiku, il-banek, il-karti ta' kreditu, l-*employers*, l-awtoritajiet proprji li jiddokumentaw l-identita' (ID Cards, Passaporti), il-Pulizija, r-Reġistru Elettorali u tant entitajiet oħra, kollha jirrikonoxxuh bħala Pierre, ma hemm ebda raġuni la legali u lanqas fattwali għala l-isem tiegħu fl-Att tat-Twelid (Dok. C) għandu jibqa' indikat 'Pierino'. Il-fidi tal-magħmudija (Dok. B) esebit ma' dan ir-rikors, l-ID Card u l-ħafna provi oħra, juru kemm tassew inutli, irreali u insostenibbli l-Att tat-Twelid, u kemm hemm ħtieġa ta' korrezzjoni.

Għaldaqstant, bir-rispett l-esponent jgħidu għaliex din l-Onorabbli Qorti prevja li a tenur tal-Art. 253(2) tal-Kap. 16, tiddikjara li l-attur kien konsistentement imsejjaħ u magħruf, anke mill-familjari tiegħu, bl-isem ta' 'Pierre' u mhux 'Pierino' kif jidher fl-Att tat-Twelid tiegħu, u għaliex għalhekk m'għandhiex tilqa' dak li l-esponent qed jitlob, u ċioe' li, meħud kont taċ-ċirkostanzi kollha spjegati tad-dokumenti kollha esebiti u tal-provi li sejrin jittressqu permess ta' xhieda,

1. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jikkoreġi t-tielet kolonna tal-Att tat-Twelid (ara Dok. C, Reg. Nru 632 tal-1962) billi l-isem tal-wild li bħalissa juri l-kelma 'Pierino', jiġi mibdul bl-isem proprju tal-esponent 'Pierre'; u b' konsegwenza ta' dan:

2. Tordna lill-Uffiċjal inkarigat mill-Passaporti sabiex jirtira u jħassar il-Passaport Biometriku attwalment f'idejn l-esponent (ara Dok. O) li jġib in-numru 0940639 maħruġ fl-20 ta' Novembru 2009, u minfloku joħroġlu passaport biometriku ġdid li juri l-isem proprju l-esponent, ċioe' Pierre.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fis-16 ta' Frar 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok huwa meħtieġ li ta' l-anqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smiegħ tal-kawża ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi in vena preliminari wkoll huwa essenzjali li t-talbiet tar-rikorrenti kif imniżżla fir-rikors ġuramentat tiegħu jiġu preċeduti minn talba oħra separata li permezz tagħha jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a tenur tal-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta tiddikjara li hu kien konsistentement imsejjaħ u magħruf bl-isem ta' 'Pierre' u mhux bl-isem ta' 'Pierino' kif hekk jidher fl-att tat-twelid tiegħu;

3. Illi sussegwentement għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

4. Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esebiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, m'humiex biżżejjed biex jipprovaw li kien hemm bdil ta' isem kif hekk jesiġi l-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti jrid iressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew jippreżenta affidavits li għandhom jikkonfutaw it-teżi tiegħu *ossia* li tul ħajtu huwa kien konsistentement msejjaħ bħala Pierre u mhux Pierino;

5. Illi mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponenti u kwindi huma m'għandhomx jiġu assoġġettati għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Marzu 2010 li fiha intalbet u ġiet akkordata korrezzjoni għar-rikors promotur u ukoll li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

It-talba attrici hija ġustifikata billi l-attur dejjem kien magħruf bħala Pierre u mhux Pierino kif indikat fiċ-ċertifikat. Ma jidhirx pero’ illi l-konvenut jaħti għall-iżball (jekk wieħed jista’ jsejjaħlu hekk) u m’għandhux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------